# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 t'Ottubru tas-sena 2001.**

**Numru 11**

**Avviz numru 546/01/SM**

**Montaldo Insurance Agency Limited, bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Henry Giles u Henry Giles.**

**Vs**

**Gilbert Demicoli.**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u erbgha u tmenin Lira Maltin u disgha u hamsin centezmu (Lm348.59,0), in linea ta' danni – minnu kagunati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara f'Regional Road, Gzira fit-28 ta' Lulju 1999 meta hu kien**

**qed isuq il-vettura DAT 858 baqa diehel gol-vettura Nru DAT 394 proprjeta' ta' Henry Giles – prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident hu kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Mejju, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tal-konvenut Gilbert Demicoli li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fl-avviz fuq citat;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**